IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | DIĊEMBRU 1943

# IL-MALTI FIT-TIĠDID TA' WARA L-GWERRA

MÉTA l-qniepen idoqqu għar-rebħa u s-suldati jitilqu l-armi, meta d-dinja tistrieħ mill-hemm tal-gwerra u l-paċi tarġa' ssaltan fost il-ġnus, aħna l-Maltin ikun jeħtiġilna mmiddu għonqna għal xogħol ieħor, xogħol iebes u ta' siwi kbir: inkunu irridu nsewwu l-ħsarat li ħallielna l-għadu, intellgħu l-bini mġarraf, inġeddu l-ħerba li ġrat f'pajjiżna.

Imma dan mhux biżżejjed; jekk irridu li dak li tgħallimna u ġarrabna fost in-niket u l-qirda tal-gwerra ma jtirx mar-riħ, jekk nixtiequ li wara l-paċi nibqgħu nistħoqqu t-tifħir li l-barranin raddewlna fi żmien il-gwerra, jeħtiġilna nissaffew minn xi nuqqasijiet u drawwiet li jagħmlulna deni mhux ftit u jċekknuna qud-diem il-barrani; jeħtieġ li neħilsu minn ħafna fehmiet li qegħdin ifixkluna fit-triq tal-progress.

Mhux billi ntellgħu l-bini mġarraf u niftħu t-toroq magħluqin bi braġ ta' radam inkunu nġeddu 'l Malta. Biex ngħollu 'l din il-Gżira tagħna jeħtieġ li nagħtu xejra ġdida lill-ħajja tagħna, jeħtiġilna nagħrfu l-iżbalji li għamilna fl-imgħoddi biex ma ntennuhomx għalli ġej.

Wieħed mill-iżbalji li għamilna huwa dak li ma ħadniex ħsieb biżżejjed tal-lsien tagħna u ma għoż-

żejniehx kemm imissu. Sal-lum għad baqa' min jaħseb li l-Malti ma hemmx għalfejn wieħed iħabbel rasu wisq għalih; issib nies li jħabirku bla tarf biex jitgħallmu bir-reqqa ilsna barranin u mbagħad qajla ssibhom jafu jaqraw bil-Malti. Din ix-xejra ta' ħsieb jeħtieġ tinqered minn fostna l-Maltin. Ikun għajb għalina jekk inbarru dak li hu tagħna fil-waqt li laqqtu dak li hu ta' ħaddieħor.

B'daqshekk ma rridux infissru li aħna għandna nitgħallmu bil-Malti biss; dan qatt ma għaddielna minn rasna. Aħna jidhrilna li aktar ma wieħed jitgħallem ilsna barranin aktar ikun jiswielu; iżda ma jidhrilniex li l-istudju ta' l-ilsna barranin għandu jsir billi jitwarrab dak tagħna.

Għandna nġibu quddiem għajnejna li l-Malti huwa r-rabta waħdanija li tgħaqqad il-Maltin kollha mxerrdin ma' l-erbat irjieħ tad-dinja; għaldaqshekk biss imissna ngħożżuh kemm ħaqqu, iżda barra dan aħna nafu li l-istudju tal-Malti jiswa mhux ftit biex iġiegħel lill-Maltin jinġibdu aktar bil-ħrara lejn din art twelidhom iqanqal fihom imħabba lejha u jagħmilhom kburin bl-istorja tagħha u bil-ġrajjiet ta' wliedha; f'kelma waħda t-tagħlim tal-Malti jiswa biex iħarreġ ċittadini li jagħmlu ġieh lil Malta.

Il-palazzi tagħna huma sbieħ u jgħaxxqu, il-knejjes tagħna għeżież u għonja, iżda b'dawna biss ma ningħarfux min-nazzjonijiet l-oħra għax dawn għandhom palazzi u knejjes daqs tagħna. Dak li jagħżilna minn ġnus oħra u jagħmilna nazzjon għalina huwa l-Ilsien Malti; b'dan l-ilsien inqdejna biex sabbarna lil xulxin fit-tbatijiet tal-gwerra, b'dan l-ilsien tlabna 'l Alla waqt l-eħrex attakki mill-ajru, b'dan l-ilsien il-għadu tagħna ried jiġbidna lejh meta kellimna minn fuq ir-radju minn Ruma, b'dan l-ilsien il-ħbieb tagħna nqdew meta fl-eqqel

żmenijiet bdew ta' kull ġimgħa jxandrulna aħbarijiet minn Londra. Mela nkunu rġiel u nagħtuh dak li ħaqqu biex b'hekk it-tiġdid ta' Malta ma jkunx fieragħ iżda jseħħ tiġdid tas-sew kif imiss u li jagħmlilna ġieh.